MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Numru. 1145/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Tracey Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 1145/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Tracey Borg detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 417574 (M).

Akkuzata talli

Fit-23 ta’ Novembru, 2014 ghal habta tal-5:30 ta’ wara nofsinhar gewwa dawn il-Gzejjer fi Triq Enrico Mizzi, Ta’ Xbiex attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma’ titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qieghdin jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti (PS 153 u WPS 33).

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi inguarjat jew heddiet jew ghamlet offizi fuq il-persuna ta’ PS 153 u WPS 33 inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ghamlet offiza fuq il-persuna ta’ PS 153 u WPS 33 li huma ufficcjali pubblici waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu d-dmirijiet taghhom jew bil-hsieb li tbezzaghom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fid-dmirijiet tal-kariga taghhom hekk kif gie certifikat minn Dr.J P Tabone reg no 3051 mic-centru tas-sahha tal-Floriana.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b’ghajjat u/jew glied.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma’ obdietx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallietx jew fixxklet waqt li tkun ghamlet id-dmirijiet taghha, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahhlet fi dmiru, billi ma’ hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew b’xi mod iehor li jkun, kemm –il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma’ jkunux jaqghu taht disposizzjonijhiet ohra ta’ dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra;

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba titratta ma’ l-imputata bhala recediva u dan wara wara li inghatat diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali permezz ta’ liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja bi procedura sommarja kif mahsub f’l-artikoli:

- 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 94(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
- 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlief ghat-tielet wahda u

kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha hlif ghat-tielet wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati. Fil-verita dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw anke mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputata qed tigi addebietata bir-reat prospettat f'l-artikolu 94 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din id-dispozizzjoni tal-Ligi tipprovdi dwar offiza fuq il-persuna ta' Imhallef, Magistrat, l-Avukat Generali u/jew gurat. Mill-provi prodotti, li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom, jirrizulta ampjament li l-parte leza f'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri huma zewg pulizija, PS153 Lydon Zammit u WPS33 Bernardette Valletta. F'dawn ic-cirkostanzi huwa car li l-imputata ma tistax tinstab hatja tar-reat prospettat f'l-artikolu 94 fuq imsemmi. Ghalhekk din it-tielet imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali refrettarja taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96 u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha mighjuba kontra taghha u tikkundannaha sena prigunerija u multa ta’ erbgha telef u hames mitt Euro (€4,500) liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------